DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ottubru 2014

dwar l-ekwivalenza tal-qafas regolatorju ta' Ħong Kong għal kontropartijiet ċentrali għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet

(2014/754/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 25(6) tiegħu,

Billi:

(1) Il-proċedura għar-rikonoxximent ta' kontropartijiet ċentrali ("CCPs") stabbiliti f'pajjiżi terzi stipulati fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandha l-għan li tippermetti lis-CCPs stabbiliti u awtorizzati f'pajjiżi terzi li għandhom standards regolatorji ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dak ir-Regolament jipprovdu servizzi ta' kklerjar lill-membri tal-ikklerjar jew ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni. Għalhekk, din il-proċedura ta' rikonoxximent u d-deċiżjoni tal-ekwivalenza prevista fiha jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jitnaqqas ir-riskju sistemiku billi jiġi estiż l-użu ta' CCPs sikuri u sodi biex jikklerjaw il-kuntratti tad-derivattivi barra l-borża ("OTC"), inkluż fejn dawk is-CCPs ikunu stabbiliti u awtorizzati f'pajjiż terz.

(2) Sabiex reġim legali ta' pajjiż terz jitqies bħala ekwivalenti għar-reġim legali tal-Unjoni fir-rigward ta' CCPs, l-eżitu sostanzjali tal-arranġamenti applikabbli legali u superviżorji għandu jkun ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Unjoni rigward l-objettivi regolatorji li jiksbu. L-għan ta' din il-valutazzjoni ta' ekwivalenza huwa għalhekk li tivverifika li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' Ħong Kong jiżguraw li s-CCPs stabiliti u awtorizzati hemmhekk ma jesponux lill-membri tal-ikklerjar u ċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni għal livell ogħla ta' riskju milli dawn jistgħu jkunu esposti għalih minn CCPs awtorizzati fl-Unjoni u, konsegwentement, ma joħolqux livelli inaċċettabbli ta' riskju sistemiku fl-Unjoni.

(3) Fl-1 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni rċeviet il-parir tekniku mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) dwar l-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għal CCPs awtorizzati f'Ħong Kong. Il-parir tekniku identifika għadd ta' differenzi bejn ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli, f'livell ġurisdizzjonali, għal CCPs f'Ħong Kong u r-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli għal CCPs skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Din id-Deċiżjoni mhijiex ibbażata biss, madankollu, fuq analiżi komparattiva tar-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli għal CCPs f'Ħong Kong, iżda wkoll fuq valutazzjoni tal-eżitu ta' dawk ir-rekwiżiti, u kemm huma xierqa biex inaqqsu r-riskji li l-membri tal-ikklerjar u ċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jkunu esposti għalihom b'mod meqjus ekwivalenti għall-eżitu tar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għalhekk, ir-riskji ferm aktar baxxi inerenti f'attivitajiet ta' kklerjar imwettqa fis-swieq finanzjarji li huma iżgħar mis-suq finanzjarju tal-Unjoni għandhom, b'mod partikolari, jiġu kkunsidrati.

(4) Skont l-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, iridu jintlaħqu tliet kundizzjonijiet sabiex jiġi determinat li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz rigward is-CCPs awtorizzati hemmhekk huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(5) Skont l-ewwel kundizzjoni, is-CCPs awtorizzati f'pajjiż terz iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(6) Ir-rekwiżiti legalment vinkolanti ta' Ħong Kong għas-CCPs awtorizzati hemmhekk jikkonsistu fil-Clearing and Settlement Systems Ordinance ("CSSO") u s-Securities and Futures Ordinance ("SFO"). L-entitajiet awtorizzati taħt is-CSSO huma regolati mill-Awtorità Monetarja ta' Ħong Kong ("HKMA") u l-entitajiet awtorizzati taħt l-SFO

[1] ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

huma regolati mis-Securities and Futures Commission ("SFC") ta' Ħong Kong. Is-CCPs f'Ħong Kong ġew awtorizzati taħt l-SFO biss. Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tiġi limitata għar-reġim stabbilit taħt l-SFO.

(7) Taħt il-Parti III tal-SFO, l-SFC għandha s-setgħa li tawtorizza CCP bħala Recognised Clearing House ("RCH"). Meta tikkunsidra l-awtorizzazzjoni ta' CCP bħala RCH, l-SFC trid tieħu kont tal-"interess tal-pubbliku li jinvesti" u r-"regolamentazzjoni xierqa tas-swieq". L-SFC tista' wkoll tispeċifika "kundizzjonijiet bħal dawn kif tikkunsidra xieraq" qabel ma tawtorizza CCP speċifika bħala RCH u tista' tibdel dawk il-kundizzjonijiet b'avviż jekk tkun "sodisfatta li dan ikun xieraq". Fid-determinazzjoni ta' x'inhu xieraq, l-SFC għandha l-obbligu li tirreferi għall-mandati statutorji tagħha li żżomm l-istabbiltà finanzjarja u tnaqqas ir-riskju sistemiku.

(8) L-SFO tistabbilixxi d-dazji u r-rekwiżiti li RCH trid tikkonforma magħhom. L-SFC ħarġet linji gwida skont l-Artikolu 399(1) tal-SFO ("il-Linji Gwida"), li jimplimentaw l-istandards internazzjonali stabbiliti skont il-Prinċipji għal Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju ("PFMIs") maħruġa f'April 2012 mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Ħlas Finali ([1]) ("CPSS") u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli ("IOSCO"). Meta tivvaluta jekk RCHs jikkonformawx mal-obbligi tagħhom taħt l-SFO, l-SFC tikkunsidra l-linji gwida. Fejn RCH tonqos milli tikkonforma mal-obbligi tagħha taħt l-SFO kif ikkomplementat mil-Linji Gwida, l-SFC tista' tadotta miżuri biex tirrimedja din is-sitwazzjoni.

(9) L-SFO tirrekjedi wkoll li RCH tadotta regoli u proċeduri interni li huma meħtieġa għar-regolamentazzjoni xierqa tal-faċilitajiet tal-ikklerjar u saldu tagħha u għar-regolamentazzjoni xierqa tal-membri tal-ikklerjar tagħha. B'ħekk, ir-rekwiżiti tal-SFO u l-Linji Gwida huma implimentati fir-regoli u l-proċeduri interni tal-RCHs. Taħt l-SFO, kwalunkwe regola u proċedura interna adottata minn RCH u kwalunkwe emenda tagħhom iridu jkunu approvati mill-SFC.

(10) Ir-rekwiżiti legalment vinkolanti f'Ħong Kong għalhekk għandhom struttura fuq żewġ saffi. Il-prinċipji ewlenin għall-RCHs stabbiliti fl-SFO ("ir-regoli primarji"), jistabbilixxu l-istandards ta' livell għoli li l-RCHs iridu jikkonformaw magħhom sabiex jiksbu awtorizzazzjoni biex jipprovdu servizzi ta' kklerjar f'Ħong Kong. Dawk ir-regoli primarji jinkludu l-ewwel saff tar-rekwiżiti legalment vinkolanti f'Ħong Kong. Sabiex jagħtu prova tal-konformità mar-regoli primarji, l-RCHs iridu jressqu r-regoli u l-proċeduri interni tagħhom mal-SFC għall-approvazzjoni. Dawn ir-regoli u proċeduri interni jinkludu t-tieni saff ta' rekwiżiti legalment vinkolanti f'Ħong Kong, li jridu jippreskrivu fid-dettall il-mod li bih l-RCH se tissodisfa dawk l-istandards b'konformità mal-Linji Gwida. Ladarba jiġu approvati mill-SFC, ir-regoli u l-proċeduri interni jsiru legalment vinkolanti fuq l-RCH.

(11) Il-valutazzjoni ta' ekwivalenza tal-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għall-RCHs għandha tqis ukoll l-eżitu tal-mitigazzjoni tar-riskju li huma jiżguraw f'termini tal-livell ta' riskju li l-membri tal-ikklerjar u ċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni jkunu esposti għalihom minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fl-RCHs. L-eżitu tal-mitigazzjoni tar-riskju huwa determinat kemm mill-livell ta' riskju inerenti fl-attivitajiet ta' kklerjar imwettqa mis-CCP ikkonċernata li jiddependi mid-daqs tas-suq finanzjarju li topera fih, u kemm huma xierqa l-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għas-CCPs biex inaqqsu dak il-livell ta' riskju. Sabiex jinkiseb l-istess eżitu ta' mitigazzjoni tar-riskju, huma meħtieġa rekwiżiti ta' mitigazzjoni tar-riskji aktar stretti għas-CCPs li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fi swieq finanzjarji ikbar li għandhom livell ta' riskju inerenti ogħla minn dak ta' CCPs li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fi swieq finanzjarji iżgħar li għandhom livell ta' riskju inerenti iktar baxx.

(12) Id-daqs tas-suq finanzjarju fejn l-RCHs iwettqu l-attivitajiet tal-ikklerjar tagħhom huwa ferm iżgħar minn dak fejn iwettqu l-attivitajiet tagħhom is-CCPs stabbiliti fl-Unjoni. B'mod partikolari, tul l-aħħar tliet snin, il-valur nozzjonali annwali tal-kuntratti elenkati tad-derivattivi kkummerċjalizzati f'Ħong Kong irrappreżenta inqas minn wieħed fil-mija tal-valur nozzjonali annwali tal-kuntratti elenkati tad-derivattivi kkummerċjalizzati fl-Unjoni. Matul l-istess perijodu, il-kapitalizzazzjoni fis-suq ta' titoli nnegozjati fil-borża f'Ħong Kong irrappreżentat medja ta' inqas minn ħamsa u għoxrin fil-mija tal-kapitalizzazzjoni tas-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-ikklerjar minn RCHs ta' aktar prodotti kumplessi bħal derivattivi OTC huwa fi stadju bikri minħabba li s-servizzi tal-ikklerjar għal kuntratti tad-derivattivi OTC ġew mnedija biss fil-25 ta' Novembru 2013. Għalhekk, il-parteċipazzjoni fl-RCHs jesponi lill-membri tal-ikklerjar u ċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni għal riskji ferm iktar baxxi mill-parteċipazzjoni tagħhom f'CCPs awtorizzati fl-Unjoni.

([1]) Mill-1 ta' Settembru 2014, il-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Ħlas Finali biddel ismu għal Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u l-Infrastrutturi tas-Suq "CPMI").

(13) L-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għal RCHs jistgħu għalhekk jitqiesu bħala ekwivalenti meta dawn ikunu xierqa biex itaffu dak il-livell iktar baxx ta' riskju. Ir-regoli primarji applikabbli għall-RCHs, flimkien mar-regoli u l-proċeduri interni tagħhom li jimplimentaw il-PFMIs, itaffu l-livell aktar baxx ta' riskju li jeżisti f'Ħong Kong u jiksbu eżitu ta' mitigazzjoni tar-riskju ekwivalenti għal dak mixtieq fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(14) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' Ħong Kong jiżguraw li l-RCHs awtorizzati hemmhekk jikkonformaw mar-rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti mar-rekwiżiti stipulati fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(15) Skont it-tieni kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali u superviżorji ta' Ħong Kong fir-rigward tas-CCPs awtorizzati hemmhekk iridu jipprovdu superviżjoni u infurzar effettivi ta' dawk is-CCPs fuq bażi kontinwa.

(16) L-SFC tmexxi l-monitoraġġ kontinwu tal-konformità tal-RCHs mar-rekwiżiti ta' ġestjoni tar-riskji permezz ta' sorveljanza u proċeduri ta' eżaminar ibbażati fuq ir-riskju, inkluż l-ittestjar tar-rekwiżiti prudenzjali. L-SFC għandha mezzi addizzjonali biex tinforza l-konformità. B'mod partikolari, l-SFC għandha s-setgħa li tidderieġi lill-RCHs biex ma jibqgħux jipprovdu jew joperaw faċilitajiet tal-ikklerjar jew tas-saldu jew biex jirtiraw l-awtorizzazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-SFC tista' titlob ukoll lill-RCHs biex jagħmlu ċerti emendi għar-regoli tagħhom skont kif iqisu meħtieġ, u għandha s-setgħa li tagħmel dawn il-bidliet fir-regoli unilateralment meta l-RCH ikkonċernata ma tikkonformax mat-talba. L-SFC għandha s-setgħa li titlob lill-RCHs jipprovdu kotba u rekords miżmuma minnhom b'rabta ma' jew għall-iskopijiet tan-negozju tagħhom jew fir-rigward ta' kwalunkwe arranġament ta' kklerjar u saldu għal kwalunkwe tranżazzjoni f'titoli jew kuntratti ta' futuri kif ukoll informazzjoni oħra relatata man-negozju tagħhom jew kwalunkwe arranġament ta' kklerjar u saldu għal kwalunkwe tranżazzjoni f'titoli jew kuntratti ta' futuri li l-SCF tista' teħtieġ b'mod raġonevoli għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha. In-nuqqas li tingħata din l-informazzjoni jew dokumentazzjoni, mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli, jista' jirriżulta fl-impożizzjoni ta' multi.

(17) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' Ħong Kong fir-rigward tas-CCPs awtorizzati hemmhekk jipprovdu superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.

(18) Skont it-tielet kundizzjoni tal-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali u superviżorji ta' Ħong Kong iridu jinkludu sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CCPs awtorizzati skont reġimi legali ta' pajjiżi terzi ("CCPs ta' pajjiżi terzi").

(19) Biex taħdem bħala CCP f'Ħong Kong, entità hija meħtieġa li tiġi nnominata bħala RCH jew rikonoxxuta bħala fornitur ta' "Servizzi ta' Negozjar Awtomatizzat" ("ATS") taħt l-SFO. L-ATS huma definiti bħala entitajiet li jipprovdu, permezz ta' faċilitajiet elettroniċi, servizzi għall-kummerċ jew l-ikklerjar ta' titoli jew kuntratti ta' futuri. F'Marzu 2014, il-Kunsill Leġiżlattiv ta' Ħong Kong għadda Ordinanza ta' Emenda biex jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni tal-ATS biex jinkludu wkoll id-derivattivi OTC.

(20) Ir-reġim tal-ATS huwa adattat għas-CCPs ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jipprovdu servizzi lil parteċipanti f'Ħong Kong. Is-CCPs ta' pajjiżi terzi jistgu japplikaw biex jiġu rikonoxxuti f'Ħong Kong bħala ATS, b'hekk ikunu jistgħu jipprovdu l-istess servizzi f'Ħong Kong li huma awtorizzati jipprovdu fil-pajjiż terz.

(21) Waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni tal-ATS minn CCP ta' pajjiż terz, l-SFC tivvaluta l-konformità ta' CCP ta' pajjiż terz mal-PFMIs bħala punt ta' referenza. Jeħtieġ li jiġi konkluż memorandum ta' ftehim bejn l-SFC u l-awtorità superviżorja kompetenti tal-pajjiż terz tas-CCP li qed japplika qabel ma tiġi approvata l-applikazzjoni tal-ATS billi l-SFC tistrieħ fuq ir-regolatur tal-pajjiż għas-superviżjoni ta' kuljum tas-CCP tal-pajjiż terz.

(22) Filwaqt li ta' min jinnota li l-istruttura tal-proċedura ta' rikonoxximent tar-reġim legali ta' Ħong Kong applikabbli għal CCPs ta' pajjiżi terzi hija differenti mill-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 648/2012, għandha madankollu tiġi kkunsidrata bħala waħda li tipprovdi sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi.

(23) Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jistgħu għalhekk jiġu kkunsidrati li ntlaħqu mill-arranġamenti legali u superviżorji ta' Ħong Kong rigward l-RCHs, u dawk l-arranġamenti legali u superviżorji għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Il-Kummissjoni, infurmata mill-ESMA, għandha tkompli ssegwi l-evoluzzjoni tal-qafas legali u superviżorju ta' Ħong Kong għas-CCPs u t-twettiq tal-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom ittieħdet din id-deċiżjoni.

(24) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali u superviżorji ta' Ħong Kong li jikkonsistu fis-Securities and Futures Ordinance (SFO) kif ikkomplimentata mil-Linji Gwida adottati skont l-Artikolu 399(1) tal-SFO u applikabbli għad-Djar Rikonoxxuti tal-Ikklerjar ("Recognised Clearing Houses, RCHs") awtorizzati hemmhekk jitqiesu li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO